TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 37/21/MM

Pauline Grech

Vs

World Marketing Services Ltd

Illum, 9 ta' Jannar 2024

It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-2 ta' Marzu, 2021 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' erba mija u tmienja u tletin ewro (€438) rapprezentanti prezz ta' żewġ paella pans illi kienu difettużi.

L-intimat pprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta. Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rapprezentant tad-ditta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidra**

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi f'Ġunju 2011 hija xtrat żewġ paella pans u użathom regolari għal disa (9) snin sħaħ mingħajr problemi. Ftit qabel Ġunju 2020, beda jinqala l-coating minn ġewwa b'dan li beda jittaqqab. Tgħid li s-soċjeta qaltilha li dan kien riżultat ta' *over heating* iżda hija saħqet li dejjem għamlet użu tajjeb skont il-gwida tal-mannifattur. Tgħid

ukoll li s-soċjeta intimata qaltilha li ma kienux għadhom jagħtu garanzijja u tgħid li s-soluzzjoni li offrewla kienet li tixtri sett ġdid bi prezz speċjali ridott.

It-Tribunal ra l-evidenza mhux kontestata ossia l-garanzija, xi ritratti tal-borom, u d-dokument VA5 li jipprovdi gwida tal-użu tal-*paella pans.*

**Ikkunsidra**

Illi huwa mill-ewwel evidenti illi x-xorta ta' azzjoni esperita mir-rikorrenti hi dik li l-paella pans minnha komprati ma kienux tal-kwalita mweghda. Fi kliem iehor hi qeghda tallega inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta` intimata u, allura, qeghda tippretendi d-danni

Kif osservat, in linea generali d-danni ghandhom tifsira x'aktarx allargata minn dik tas-semplici restituzzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett mixtri. Dan, izda, ma jfisserx, imbaghad, illi d-danni ma humiex komprensivi tar-rifuzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett jekk ix-xerrej ikun illimita ruhu ghal xi wahda jew ohra minn dawn l-opzjonijiet. Ara a propozitu d-decizjoni tal-Qorti tal-Appel fl-ismijiet "**Karl Francica -vs- Luke Piscopo et**", 9 ta' Jannar, 2009.

Premess dan, hu accettat illi meta l-bejgh ma jkunx skond dak imwieghed ossija l-oggett mixtri ma jkunx konformi ghall-ftehim appattwit jew ghax ukoll difformi ghall-kampjun, il-kompratur jista' jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt avolja jkun rceva l-oggett tal-bejgh. Dan huwa hekk "*in quanto che la cosa per cui consentiva risultò essere tutt'altra che quella dedotta in contratto ... una cosa diversa da quella che era contemplata nel contrattare, e per cioe` non si concederebbe una azione redibitoria ma quella di nullita`, avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore".* ("**Commerciante Michele Grima -vs- Negoziante Arturo von Kohen**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar, 1884. Ara wkoll fejn si tratta ta' bejgh mhux konformi ghall-kampjun is-sentenza fl-ismijiet"**Joseph Hanauer nomine -vs- Giovanni Maria Debono**", Appell Kummercjali, 11 ta' Ottubru, 1915);

Evidentement, il-qawwa ta' din il-prospettazzjoni tinhass aktar f'materja ta' rapport kummercjant-konsumatur skond ma jinzel mid-dispost ta' l-Artikolu 73 (1) ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. L-intensita ta' dan il-provvediment ghat-tutela tal-konsumatur huwa talment estiz li joffri assikurazzjoni lix-xerrej billi jimponi obbligu fuq il-bejjiegh illi l-oggetti "*ikunu konformi mad-deskrizzjoni moghtija mill-kummercjant u jkollhom il-karatteristici, il-fattizzi u l-kwalitajiet ta' l-oggetti li l-kummercjant ikun wieghed jew xort'ohra ipprezenta lill-konsumatur bhala kampjun jew mudell* (subpara. "a"*), ikunu adatti ghall-iskop partikulari li ghalih il-konsumatur ikun jehtieghom* (subpara. "b"*), ikunu adatti ghall-iskop li ghalih oggetti ta' l-istess tip normalment jintuzaw (*subpara "c") *u juru l-kwalita u l-kapacita li huma normali f'oggetti ta' l-istess tip u li l-konsumatur jista' ragonevolment jistenna* ... (subpara "d");

Terga' f'dan il-kaz specifiku l-borom hekk mixtrija mir-rikorrenti kienu ggarantiti għal għaxar snin.

Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Perito Architetto Vincenzo Zarb -vs- Barone Fc. Chapelle**", Appell Civili, 8 ta' Jannar, 1912, illi "g*li effetti della garanzia nella vendita possono essere per convenzione, estesi o ristretti"*. Inoltre mbaghad jigi puntwalizzat illi "il-*fatt li fuq id-dokument huma mnizzlin certi patti ta' garanzija, bhal fil-kaz prezenti, ma huwiex bizzejjed, wahdu, biex jeskludi l-garanizji aktar ampji li taghti l-ligi, ghax jehtieg li c-cirkostanzi tal-kaz ikunu juru li l-partijiet fil-fatt riedu u kienu kuntenti b'dik il-limitazzjoni tal-garanzija ghal dik biss li jkun espress fid-dokument b'eskluzjoni tal-garanziji legali, jew inkella li l-kondizzjonijiet tad-dokument ikun inkonciljabbli mal-garanzija legali*". (Ara "**Joseph Cefai -vs- Carmelo Petroni et nomine**", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju, 1957. Ara wkoll s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Christopher Falzon -vs- Noel Gauci**", 12 ta' Gunju, 2009.

Fil-kaz prezenti, kif hekk kien ukoll il-kaz in re: "**Dorianne Bartolo Vella -vs- Industrial Motors Limited**", Appell Inferjuri, 26 ta' Jannar, 2005, il-garanzija konvenzjonali pattwita

kienet tikkostitwixxi mezz ta' tishih ghall-harsien tax-xerrej b'aggunta ghal dawk iggarantiti mil-ligi sija jekk mill-ottika ta' l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, sija jekk skond il-previzjoni tal-ligi specjali fl-Artikolu 73 (1) tal-Kapitolu 378 fuq riportat;

**Ikkunsidra**

Illi fuq il-mertu, dan it-Tribunal huwa mitlub jiddermina jekk id-difetti fiż-żewġ twaġen humiex riżultat ta' difetti latenti jew minħabba użu ħażin u ċioe' kawża ta' *overh heating*. Ġie nnutat li dawn it-twaġen ilhom jintużaw għal madwar disa' (9) snin, u huma koperti taħt garanzija ta' għaxar (10) snin.

Wara konsiderazzjoni bir-reqqa, huwa evidenti li t-twaġen juru sinjali viżibbli ta' użu, u t-Tribunal huwa mistenni jiddetermina jekk dawn is-sinjali humiex riżultat ta' difett moħbi jew inkella sempliciment *fair wear and tear*. Illi t-Tribunal jinnota li minkejja li l-partijiet ingħataw ġimgħatejn ċans biex jiddeċiedu jekk jixtiequx jaħtru espert, dawn baqaw ma daħlu l-ebda risposta b'dan li l-materja li setat ġiet mistħarrġa minn espert li għandu livell ta' għarfien lil hinn mill-kapaċità professjonali ta' dan it-Tribunal, issa tħalliet għad-diskrezzjoni ta' dan it-Tribunal.

Affermati s-suesposti principji ta' dritt u l-kunsiderazzjonijiet elenkati, dan it-Tribunal iħoss b'konvinzjoni li għandu jistqarr illi mhux sodisfatt mill-argumenti tar-rikorrenti u jħoss li l-linja difensjonali tas-socjeta` intimata hija aktar verosimili jew plawsibbli. Illi l-argument tad-difiża u l-ispjegazzjoni mogħtija dwar l-aspetti viżibbli jagħmlu sens aktar mill-argument tar-rikorrenti li wara disa' (9) snin ta' użu tajjeb, il-*paella pan* beda jitaqqab minn ġewwa ftit qabel l-għeluq tal-garanzija ta' għaxar (10) snin. It-Tribunal jinnota li mir-ritratti ma setax jinnota li hemm xi toqob fil-*paella pan*. Għalhekk fuq bilanċ ta' probabbilita' huwa iżjed plawsibbli li s-soċjeta' intimata għandha raġun li dawn id-difetti huma kawża ta' 'over heating ' da parte tagħha u ċioe' li r-rikorrenti għamlet użu ħażin minn dawn il-paella

pans mhux skont l-istruzzjonijiet illi kellha r-rikorrenti ta' kif ghandhom jigu wzati dawn il-*pans.* Dawn listruzzjonijiet jindikaw, fost affarijiet ohra, illi ghandha tinzamm fjamma tan-nar baxxa.

**DECIDE**

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ihoss li r-rikorrenti ma rnexxilix tipprova l-kawża tagħga sal-grad li trid il-liġi u għalhekk mhux se jaccetta bħala leġittimu u gustifikat l-ilment tar-rikorrenti.

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tagħha.

**Avv Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**